**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tal-20 TA' APRIL, 2001.**

**Citazzjoni numru 971/00GC**

Vincent u Maria Fatima konjugi Sammut
Vs.
Joseph u Maria Concetta sive Connie konjugi Fenech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew:-

Illi fil-11 ta' Frar, 2000 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, il-konvenut Joseph Fenech ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur a favur l-attur Vincent Sammut ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500) (Dok. VS1);

Illi dan l-ammont kellu jigi imhallas st-l8 ta' Marzu, 2000;

Illi ghalkemm l-konvenut gie debitament interpellat biex ihallas l-ammont dovut minnu huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu f'din il-kawza, li ghalhekk tista tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu

l67 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lill-konvenuti ghalhekk jghidu ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu l67 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi is-somma ta' tlett elef u hames mitt liri Maltin (Lm3500) ai termini tad-dikjarazzjoni fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datata 11 ta' Frar, 2000.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta' April, 2000 u bl-imghax fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u n-nota tax-xhieda taghhom;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u naqsu li jidhru ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqghu kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mill-atturi;

Semghet lill-Avukat tal-atturi;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talba talba u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi is-somma ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500) ai termini tad-dikjarazzjoni fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datata ll ta’ Frar, 2000, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Onor. Imhallef Dr. Gino Camilleri,LL.D.

**Dep. Registratur**